MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2011

Numru. 404/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur  Dennis Theuma)**

**vs.**

**Josette Abela**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Josette Abela ta’ 23 sena, bint Carmelo u Emanuela nee Mifsud mwielda Pieta fil-15 ta’ Frar 1984, residenti “Emanuela” Triq iz-Zragen, Attard, detentrici tal-Karta ta’ l-Identita numru 498685 (M).

Akkuzata talli f’dawn il-Gzejjer,  fit-3 ta’ Frar 2008 u fis-sitt xhur ta’ qabel din id-data:

(a) Kellha fil-pussess taghha medicina psikotropika u ristretta (ecstacy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Superintendent tas-Sahha Pubblika bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta' l-Artikolu 120A ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u il-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kapitolu 31), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat il-verbal ta' 4 ta' Mejju 2011 fejn l-ufficjal prosekutur ipprezenta sentenza moghtija minn dak iz-zmien Magistrat Dr. Lawrence Quintano fil-31 ta' Mejju 2010 kontra l-imputata, minn fejn jirrizulta li l-akkuza ta' pussess semplici ta' droga ecstasy hija identika ghal dak kopert fit-tahrika odjerna u ghalhekk hemm kaz ta' *ne bis in idem.*

Ikkunsidrat:

Illi l-akkuza fis-sentenza ezebita tirreferi ghal perjodu *"tal-31 ta' Dicembru 2007 u l-jiem ta' qabel"* – altrimenti l-akkuza hija identika ghal dik odjerna. L-akkuza odjerna tirreferi ghal perjodu *"tat-3 ta' Frar 2008 u fis-sitt xhur ta' qabel"* – perjodu li ovvjament ikopri dak *"tal-31 ta' Dicembru 2007 u l-jiem ta' qabel"* ghal-liema perjodu l-imputata diga giet processata. Ghalhekk dan huwa kaz car ta' *ne bis in edem.*

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4 tas-Seba' Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta) qieghda tillibera lill-imputata mill-imputazzjoni dedotta kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------